

Brussell, 31 ta' Mejju 2024
(OR. en)

10402/24

CLIMA 215
ENV 561
ENER 257
TRANS 251
AGRI 443
ECOFIN 609
COMPET 597
IND 285
MI 546

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-mira klimatika Ewropea għall-2040 - Dibattitu ta' orjentazzjoni

1. Biex tiggwida d-dibattitu ta' orjentazzjoni dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq fil-laqgħa tal-Kunsill (Ambjent) fis-17 ta' Ġunju 2024, il-Presidenza ħejjiet in-nota u l-mistoqsijiet mehmuża għall-Ministri.
2. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden iqis in-nota u l-mistoqsijiet tal-Presidenza u jgħaddihom lill-Kunsill għad-dibattitu ta' orjentazzjoni.

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-mira klimatika Ewropea għall-2040

- Dibattitu ta' orjentazzjoni -

Introduzzjoni

Fis-6 ta' Frar 2024, il-Kummissjoni ppubblikat il-Komunikazzjoni tagħha bit-titolu "*Niżguraw il-futur tagħna - Il-mira klimatika Ewropea għall-2040 u l-perkors għan-newtralità klimatika sal-2050 aħna u nibnu soċjetà sostenibbli, prospera u ġusta*"¹ ("Komunikazzjoni dwar il-Mira Klimatika għall-2040"). Il-Komunikazzjoni tippreżenta viżjoni wara l-2030 fil-kuntest tal-intensifikazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-aċċellerazzjoni tal-kostijiet fil-ħajja reali. Tiddekrivi viżjoni għall-Ewropa bħala kontinent b'ekosistema industrijali b'saħħitha, b'enerġija nadifa, b'użu baxx tal-karbonju u affordabbli, u b'ikel u materjali sostenibbli, li ser jagħtu riżultati liċ-ċittadini tal-UE u jagħmlu lill-UE reżiljenti kontra kriżijiet fil-futur.

¹ Dok. 6291/24 + ADD 1-6

Abbażi ta' valutazzjoni tal-impatt sfiqa, il-Komunikazzjoni tirrakkomanda mira ta' tnaqqis ta' 90 % fl-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra (GHG) sal-2040, meta mqabbla mal-1990, biex l-UE tibqa' fit-triq it-tajba lejn il-mira tagħha li tikseb newtralità klimatika sal-2050 li ġiet stabbilita fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima. Il-mira rakkomandata hija konformi mal-parir xjentifiku u mal-impenji fil-Ftehim ta' Pariġi. Il-mira għall-2040, ladarba jintlaħaq qbil dwarha, ser tiffurma l-bażi tal-Kontribut Stabbilit fil-Livell Nazzjonali (NDC) il-ġdid tal-UE skont il-Ftehim ta' Pariġi, li għandu jiġi kkomunikat lill-UNFCCC sew qabel il-COP30. Il-Komunikazzjoni tiddikjara li sabiex jinkiebs tnaqqis fl-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra ta' 90%, il-livell tal-UE ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra li jkun jifdal fl-2040 għandu jkun ta' inqas minn 850 MtCO₂-eq u l-assorbiment tal-karbonju għandu jilħaq sa 400 MtCO₂. Biex jikkomplementaw l-assorbimenti bbażati fuq l-art li jissekwestraw il-karbonju fil-bijomassa u fil-ħamrija, ser ikunu meħtieġa assorbimenti industrijali tal-karbonju minn sorsi bijoġeniċi u atmosferiċi sabiex tintlaħaq il-mira tal-2040, kif ukoll biex jintlaħqu emissjonijiet żero netti sal-2050 u emissjonijiet negattivi assoluti minn hemm 'il quddiem. Dawn ser jinkludu l-użu ta' soluzzjonijiet għall-qbid, l-użu u l-ħżin tal-karbonju biex itaffu u jikkompensaw għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra li diffiċli jitrażżnu f'xi setturi tal-industrija, tal-avjazzjoni jew marittimi. Għalhekk, flimkien mal-Komunikazzjoni dwar mira klimatika għall-2040, il-Kummissjoni ppubblikat Komunikazzjoni intitolata "*Lejn Ġestjoni Industrijali ambizzjuża tal-Karbonju għall-UE*"² li tistabbilixxi strateġija għall-iżvilupp ta' politika komuni u komprensiva u qafas ta' investiment għall-ġestjoni industrijali tal-karbonju fl-UE li tipprovdi ċertezza regolatorja u inċentivi għall-investiment fil-qbid, il-ħżin, l-użu u l-assorbimenti tal-karbonju bħal BijoCCS u DACCS.

Il-Komunikazzjoni dwar il-mira klimatika għall-2040 tistabbilixxi wkoll għadd ta' kundizzjonijiet abilitanti għall-kisba tal-mira rakkomandata, b'mod partikolari l-implimentazzjoni sħiħa tal-qafas għall-klima u l-enerġija maqbul għall-2030, l-iżgurar tal-kompetittività tal-industrija Ewropea, enfasi akbar fuq tranżizzjoni ġusta li ma tħalli lil ħadd jibqa' lura, kundizzjonijiet ekwi mas-sħab internazzjonali, u djalogu strateġiku dwar il-qafas għal wara l-2030, inkluż mal-industrija u s-settur agrikolu.

² Dok. 6306/24

Fil-Kunsill, eżami dettaljat tal-Komunikazzjoni u l-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanjaha li bdiet fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent (WPE) fit-12 ta' Frar 2024. Il-Kunsill (Ambjent) fil-25 ta' Marzu 2024 beda l-ewwel dibattitu dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni. Ħareġ appoġġ ġenerali għall-istabbiliment ta' mira klimatika għall-2040, u l-kundizzjonijiet abilitanti msemmija fil-Komunikazzjoni tqiesu bħala rilevanti.

Il-qagħda bħalissa

Fid-dawl tan-natura transsettorjali tal-Komunikazzjoni dwar il-mira klimatika għall-2040, il-Presidenza assoċjat b'mod attiv formazzjonijiet rilevanti oħra tal-Kunsill fil-livell tekniku fid-diskussjonijiet tal-Komunikazzjoni dwar il-Mira Klimatika għall-2040 u l-valutazzjoni tal-impatt tagħha, inkluż l-enerġija, l-industrija, it-trasport, l-agrikoltura u l-affarijiet finanzjarji. Barra minn hekk, saru sessjonijiet iddedikati biex jippermettu lill-Kummissjoni tipprovdi tweġibiet u kjarifiki bi tweġiba għall-għadd kbir ta' mistoqsijiet magħmula mid-delegazzjonijiet. Formazzjonijiet differenti tal-Kunsill għarfu l-ħtieġa li jitqies it-tibdil fil-klima fis-setturi rispettivi tagħhom u li jiġu żviluppati politiki u miżuri f'konformità mal-għan tan-newtralità klimatika tal-UE, u b'hekk tiġi pprovduta triq 'il quddiem għat-tranżizzjoni³.

³ Ara pereżempju: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Futur tal-Politika Diġitali tal-UE tal-21 ta' Mejju 2024 (dok. 9957/24); Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "It-tisħiħ tal-kompetittività tal-Ewropa permezz tal-ispazju" tat-23 ta' Mejju 2024 (dok. 10142/24); Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "It-tisħiħ tal-valorizzazzjoni tal-għarfien bħala għodda għal industrija reżiljenti u kompetittiva u għal awtonomija strateġika f'ekonomija miftuħa fl-Ewropa" tat-23 ta' Mejju 2024 (dok. 10182/24); Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali 28/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "L-akkwist pubbliku fl-UE: Inqas kompetizzjoni għal kuntratti aġġudikati għal xogħlijiet, oġġetti u servizzi fl-għaxar snin sal-2021", approvati fit-23 ta' Mejju 2024 (dok. 10358/24); Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Industrija Ewropea kompetittiva li tixpruna l-futur ekoloġiku, diġitali u reżiljenti tagħna" tal-24 ta' Mejju 2024 (dok. 10127/24); Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Suq Uniku għall-benefiċċju ta' kulħadd" tal-24 ta' Mejju 2024 (dok. 10298/24) u l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "L-Iżvilupp ta' Infrastruttura tal-Grilja tal-Elettriku Sostenibbli" tat-30 ta' Mejju 2024. Għandu jitqies ukoll li d-Dikjarazzjoni ta' La Hulpe dwar il-Futur tal-Ewropa Soċjali li saret matul il-Konferenza ta' Livell Għoli dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali organizzata mill-Presidenza Belġjana fil-15-16 ta' April 2024, enfasizzat l-għan li titrawwem tranżizzjoni ġusta u ekwa għan-newtralità klimatika.

Id-diskussjonijiet fil-livell tekniku dwar il-mira klimatika għall-2040 indirizzaw varjetà wiesgħa ta' suġġetti. B'mod ġenerali, id-delegazzjonijiet jaqsmu l-fehma li s-setturi kollha għandhom jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni, għalkemm iqisu l-ispeċifitàjiet u ċ-ċirkostanzi differenti tagħhom fl-Istati Membri, kif ukoll il-ħtieġa li tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta u l-implimentazzjoni konkreta tagħha. Il-punti speċifiċi enfasizzati matul id-diskussjonijiet huma miġbura fil-qosor fit-taqsimiet li ġejjin.

Il-preservazzjoni tal-kompetittività tal-industrija Ewropea u r-rwol tas-Suq Uniku

Id-delegazzjonijiet huma tal-fehma qawwija li huwa vitali li tiġi protetta l-kompetittività tal-industrija Ewropea u li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni, kemm fid-dinja kif ukoll fl-UE. Id-diplomazija attiva dwar il-klima hija essenzjali biex tinkoraġġixxi sforzi ta' mitigazzjoni dinjija msaħħa. L-UE għandha tagħmel użu mill-vantaġġ ta' min jidħol l-ewwel fis-swieq għal teknoloġiji ġodda u tuża s-Suq Uniku kemm jista' jkun. L-Att dwar il-Materja Prima Kritika u l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti jistgħu jgħinu biex iżidu l-opportunitajiet għall-iżvilupp u l-espansjoni ta' teknoloġiji ġodda. Fl-istess ħin, huwa meħtieġ li jsir investiment fit-taħriġ, fit-taħriġ tal-ħiliet u fit-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema, biex jiġi żgurat li l-forza tax-xogħol tal-Unjoni tkun tista' twieġeb għall-ħtiġijiet tat-tranżizzjoni u għal bidliet fis-suq tax-xogħol.

Il-ħtieġa għal aktar investimenti u koordinazzjoni msaħħa fil-kuntast tal-iżviluppi fl-infrastruttura

Il-ħtieġa għal aktar investimenti, inkluż fit-teknoloġija nadifa u l-infrastruttura għall-enerġija u t-trasport, hija rikonoxxuta b'mod ġenerali, kif ukoll il-ħtieġa li jitneħħew l-ostakli biex titħaffef l-introduzzjoni tal-infrastruttura transfruntiera. Qafas affidabbli u prevedibbli għal dawn l-investimenti huwa importanti iżda fl-istess ħin għandhom jiġu evitati r-regolamentazzjoni żejda u l-burokrazija żejda. Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u l-Fond għall-Innovazzjoni huma għodod ewlenin u jenħtieġ li jiġu implimentati b'mod effettiv. L-ostaklu ewlieni huwa l-proċess tal-ġoti ta' permessi li għandu jiġi ssimplifikat u mqassar. Huwa importanti li tinbena l-kapaċità amministrattiva u li jiġu kondiviżi linji gwida, informazzjoni, u data komuni, possibbilment bl-għajnuna ta' pjattaformi tematiċi. Hemm sejħa ġenerali għall-użu effiċjenti tal-fondi tal-UE u r-rikonoxximent tar-rwol importanti tal-Bank Ewropew tal-Investment. Madankollu, huwa rikonoxxut ukoll li hemm bżonn ta' aktar kapital privat, inkluż għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni. Ir-riskji relatati mal-investment għandhom jiġu mitigati, pereżempju permezz ta' appoġġ regolatorju jew mekkaniżmi ta' kondivizzjoni tar-riskju. Suġġerimenti oħra magħmula mid-delegazzjonijiet jinkludu t-trawwim ta' sħubiji privati/pubbliċi u l-promozzjoni ta' proġetti u kooperazzjoni transfruntieri, inkluż fil-finanzjament. Xi delegazzjonijiet indikaw ukoll il-ħtieġa li l-għajnuna mill-istat tiġi mmirata biex tiġi evitata d-distorsjoni tal-kompetizzjoni.

Sinerġiji u koerenza bejn l-ekonomija ċirkolari u l-politiki dwar il-klima

L-importanza tal-ekonomija ċirkolari u l-effiċjenza fir-riżorsi huma rikonoxxuti b'mod wiesa' bħala mezz kif jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u l-kostijiet għas-soċjetà, kif ukoll id-dipendenza fuq l-importazzjoni. Diversi delegazzjonijiet issuġġerew l-inklużjoni ta' approċċi ta' ekonomija ċirkolari fil-politika dwar il-klima. Jenħtieġ li jiġu segwiti politiki ta' ekonomija ċirkolari, maħsubin biex inaqqsu l-emissjonijiet tul iċ-ċiklu tal-ħajja, bħall-ekodisinn. Jenħtieġ li jiġu mħeġġa modi ta' konsum sostenibbli billi jingħataw alternattivi sostenibbli u affordabbli għall-konsumaturi kif ukoll permezz ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni.

Il-mira klimatika għall-2040 u l-kontribut tal-assorbiment tal-karbonju bbażat fuq l-art u teknoloġiku

Filwaqt li l-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet għadhom ma adottawx pożizzjoni dwar il-livell preċiż tal-mira klimatika futura għall-2040, diversi delegazzjonijiet jaqblu li jeħtieġ li l-UE tistabbilixxi mira ambizzjuża fil-ħin. Diversi delegazzjonijiet oħra talbu għal aktar ċarezza dwar l-impatti soċjali u ekonomiċi tal-mira rakkomandata. Il-ħtieġa għal żieda fl-assorbimenti tal-karbonju fil-futur hija rikonoxxuta b'mod wiesa' iżda xi delegazzjonijiet wissew kontra d-dipendenza eċċessiva fuq l-assorbimenti, kemm daww teknoloġiċi kif ukoll daww ibbażati fuq in-natura, meta titfassal il-mira, minħabba diversi inċertezzi. Xi delegazzjonijiet enfasizzaw ukoll il-ħtieġa li titqies il-kwistjoni tal-aċċettazzjoni pubblika. Diversi delegazzjonijiet jenfasizzaw ir-rwol tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli bħala s-sisien tat-tranżizzjoni tal-enerġija filwaqt li diversi oħrajn jenfasizzaw il-ħtieġa li jiġi rrispettat il-prinċipju tan-newtralità teknoloġika. Diversi delegazzjonijiet issottolinjaw ukoll l-importanza li l-UE tiddeċiedi dwar mira domestika sabiex tkun tista' tikkomunika NDC aġġornat ferm qabel il-COP30, f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi.

Ħtieġa ta' approċċ olistiku għas-settur agrikolu

Meta titqies l-importanza li tiġi żgurata s-sigurtà tal-ikel bħala l-funzjoni primarja tiegħu, is-settur agrikolu jkun jeħtieġ approċċ olistiku sabiex tiġi stimolata l-produzzjoni sostenibbli tal-ikel, inkluż bilanċ bejn il-produzzjoni u l-konsum tal-ikel, flimkien ma' opportunitajiet ġodda, inkluż għall-provvista tal-bijoekonomija u għall-ġenerazzjoni tal-assorbimenti tal-karbonju. Approċċ integrat ta' dan it-tip għandu jinkludi kemm il-ġestjoni tar-riskju kif ukoll miżuri ta' mitigazzjoni u jqis il-ħtieġa li tiġi żgurata l-kompetittività tas-settur u introjtu ġust għall-bdiewa. Il-politiki għandhom itejbu r-reżiljenza tas-settur u jipprovdu inċentivi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet filwaqt li jqisu l-impatt soċjoekonomiku fuq il-bdiewa.

Mistoqsijiet għall-Ministri:

- *Kif għandhom jitfasslu l-mira klimatika tal-UE għall-2040 u l-qafas għal wara l-2030, filwaqt li jitqies l-impenn tal-Unjoni għal tranżizzjoni kompetittiva għan-newtralità klimatika, filwaqt li jiġu offruti opportunitajiet għall-bini ta' tmexxija industrijali u għat-trawwim ta' tranżizzjoni ġusta u ekwa?*
 - *Kif jistgħu l-miżuri min-naħa tad-domanda jiġu mobilizzati bl-aħjar mod fil-kuntest tal-qafas ta' wara l-2030, inkluż użu aktar ċirkolari tal-materjali u l-ekonomija kollaborattiva u l-mobbiltà, biex jikkomplementaw l-għażliet ta' tnaqqis teknoloġiku, u b'hekk jitnaqqsu l-ħtiġijiet ta' investiment u l-kostijiet għas-soċjetà?*
-